MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 392/2003/1

**Guzeppi Cini**

**vs**

**Joseph Cini u martu Josephine ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Novembru, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kkundanati li jhallsu lill-attur is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) mislufa mill-istess attur lill-konvenut Joseph Cini fit-3 ta'

Ottubru 1986, skond ma jirrizulta mill-skrittura annessa li qed giet markata bhala dokument “A”, u dwar liema somma sad-data tal-avviz thallsu biss l-imghaxijiet kollha miftiehma bejn il-partijiet.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-3 ta’ Frar 2003, tal-ittri ufficjali tal-21 ta’ Frar 2003 u tad-19 ta’ Gunju 2003, kif ukoll dawk tal-mandati ta’ sekwestru fl-istess ismijiet li qed jigu pprezentati mal-avviz, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll l-istess skrittura annessa mal-avviz u markata Dok A (fol 2 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 11 tal-atti) u li biha eccepixxa reverentement:-

1. Illi in linea preliminari, it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi dwar il-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, peress illi l-ebda ammont m’hu dovut lill-attur.

3. Salv eccezzjoni ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat waqt is-seduta tal-15 ta’ Gunju 2004 (fol 22 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, a basi ta’ dak verbalizzat mill-partijiet fis-seduta tal-15 ta’ Gunju 2004, ser jigu decisi kemm l-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-konvenuti kemm il-meritu ta’ dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi, in rassunt, il-provi, in desamina, huma s-segwenti:-

a) L-attur (fol 16 tal-atti) xehed, permezz ta’ “affidavit” illi fit-3 ta’ Ottubru 1986, hu kien silef is-somma msemmija fl-avviz lin-neputi tieghu, l-konvenut Joseph Cini, bin Carmelo Cini. Inoltre l-attur u l-konvenut kienu ftehmu illi l-konvenut kellu jhallas imghax ta’ wiehed fil-mija (1%) fis-sena’ (ra l-imsemmija skrittura esebita in atti a fol 2 u a fol 17). Sussegwentement, il-konvenut kien hallas regolarment l-imghax dovut skond ftehim u ta’ dan, hu kien zamm notament skond kif risultanti mid-dokument markat Dok B a fol 18 u fol 19 tal-atti. Bl-ahhar pagament, dejjem ta’ imghax, jsir fil-25 ta’ Jannar 2003 u ammontanti ghal Lm40.

b) Carmelo Cini (fol 20 ibid), missier l-istess konvenut, ikkonferma dak kollu l-xehed l-attur huh oltre li semma’ li kien ukoll xhud meta giet iffirmata l-imsemmija skrittura mill-attur u ibnu.

c) Il-konvenut (fol 23 et seq ibid) cahad li kellu jaghti ‘xi flus bhala self’ lill-attur, zijuh. Inoltre dwar l-istess skrittura, meta din giet murija lilu, hu sostna ‘ma niftakar xejn’. Hu kompla jghid illi “Ma nistax nikkonferma dan mija fil-mija’ meta saritlu d-domanda dwar jekk hux qed jaghraf il-firma tieghu fuq il-vera kopja tal-istess skrittura, esebita in atti. Pero, meta gie muri l-originali ta’ din hu, testwalment, qal “…. Dan id-dokument ghandu l-firma tieghi fuqu” avolja hu kompla jsostni li “…. Ma niftakar xejn dwarha”. Hu kompla jsostni dan sal-ahhar kif ukoll zied jghid illi, oltre li ma jiftakarx illi ssellef il-flus in kwistjoni, “Lanqas ma niftakar li jiena kull sena’ nhallas l-imghaxijiet” anke matul is-sena, 2003.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 2156(e) jispecifika li l-azzjoni ghar-radd ta’ flus moghtija b’self f’nuqqas ta’ att pubbliku, hi preskritta bit-trapass ta’ hames snin. Dwar din l-eccezzjoni, pero’, jkun opportun li ssir referenza ghall-artikolu 2134 tal-Kodici Civili u li testwalment jghid “Il-preskrizzjoni tinkiser …. bi hlas akkont tad-dejn maghmul mid-debitur ….”. A basi tal-provi kif esposti, gie pruvat, fil-fehma tal-Qorti, illi l-konvenut sa ftit xhur qabel il-presentata tal-ittri ufficjali

msemmija fl-avviz kif tal-istess avviz, kien qed jhallas, b’mod regolari, l-imghax miftiehem bejn l-istess partijiet u dan, certament, ghandu jigi kunsiderat bhala pagament akkont tad-dejn kif specifikat fl-artikolu li gie citat. Ghalhekk u fid-dawl ta’ dak li nghid, din l-eccezzjoni ma tistax treggi u ghandha tigi respinta.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-meritu in esami, jigi sottolineat li l-konvenut donnu qed jbati minn nuqqas ta’ memorja. Tant hu hekk illi lanqas ftakar li hallas skadenza ta’ imghax fil-25 ta’ Jannar 2003, ftit xhur qabel il-presentata tal-avviz in esami u dan avolja xehed fil-15 ta’ Gunju 2004. Inoltre, kif di gja inghad, hu gharaf il-firma tieghu fuq l-iskrittura msemmija, meta gie muri l-original taghha.

Illi da parti tal-attur, a basi tal-provi prodotti minnu, hju ssostanzja t-talba in esami u ghalhekk l-istess talba ghandha tigi akkolta.

Tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attur is-somma ta’ Lm4000 bl-imghax legali b’wiehed il-mija (1%) mis-26 ta’ Jannar 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-3 ta ‘ Frar 2003 u ta’ dawk ufficjali tal-21 ta’ Frar 2003 u tad-19 ta’ Gunju 2003.”

Il-konvenuti jobbjettaw kontra din is-sentenza bl-aggravju illi l-prova prodotta mill-attur appellat ma kienetx wahda sufficcjenti bhala l-aqwa prova fit-termini ta’ l-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12 biex tikkuntrasta l-eccezzjoni taghhom tal-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 2156 (e) tal-Kapitolu 16;

M’ hemmx dubju illi l-kwestjoni nvoluta hi wahda ta’ prova bazata fuq id-dritt probatorju komuni. Fl-ordinament guridiku taghna tali prova tista’ tigi ottenuta bi kwalsiasi mod mir-rizultanzi istruttorji, purke titqies valevoli ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant. Xejn ma huwa eskluz, lanqas l-utilizzazzjoni tax-xhieda jew prova

supplita minn xi parti, gjaladarba anke din kapaci tforni elementi favorevoli lill-kontroparti;

F’ dan il-kaz l-ewwel Qorti kienet sodisfatta illi, bil-kontra ta’ dak sostenut mil-appellanti li l-ebda ammont ma kien dovut lill-attur, il-pretensjoni ta’ dan ta’ l-ahhar gharrifuzjoni ta’ l-ammont mutwat kienet legittimata mill-prova ta’ l-ezistenza tal-ftehim tas-self (fol. 2), il-hlas annwali ta’ l-imghax pattwit evidenzjat mill-iskartafacc (fol. 18) tenut mill-attur, u n-nuqqas tal-konvenut li juri adegwatament il-fondatezza tad-difiza tieghu. Naturalment, ghall-ewwel Qorti kien influwenti wkoll certu atteggjament tal-konvenut manifestanti tentattiv ta’ approfittar mit-trapass taz-zmien. Mill-mod kif xehed dik il-Qorti ma accettatx bhala plawsibbli l-ispjegazzjoni tieghu. Dik il-Qorti kellha l-opportunita` li tezamina hi stess lill-appellanti fil-pedana tax-xhieda u certament kienet perswasa li ma kienx bniedem onest u sincier li haqqu jigi emnut;

Ghal certu vers u xebh tghodd hafna l-konsiderazzjoni zvolta minn din il-Qorti, diversament presjeduta, f’ din is-silta:

“Fil-kaz taht ezami l-avvanz tal-kapital jirrizulta ampjament provat. It-titolu li bih gie avzant tirrizulta dikjarata mill-attur. Kien jispetta lill-konvenut li jipprovdi difiza adegwata ghal dawn il-provi billi qabel xejn jiggustifika ghaliex kien irceva dawk il-flus billi jikkontesta t-titolu pretiz mill-appellat. Din il-prova jidher li naqas li jaghmilha. Il-Qorti tinnota wkoll li l-ammont involut ma kienx wiehed daqstant traskurabbli u mhux facilment kredibbli l-istat ta’ amnesija, anke jekk dovuta ghall-perkors ta’ zmien invokat bhala gustifikazzjoni mill-konvenuti appellanti” - “**Perit Ondre` Camilleri -vs- Leslie u Violet Konjugi Corney**”, 27 ta’ Ottubru 2000;

Issa l-appellanti jittantaw jartikolaw l-argoment taghhom fuq l-assunt illi l-attur appellat ma gabx l-ahjar prova u kien allura jinkombi fuq l-ewwel Qorti illi titlob li tingieb xi

prova aktar sostanzjali li tindika li effettivament kienu thallsu l-imghaxijiet kif allegat mill-attur. F’ dan huma jirrikorru ghad-dispost ta’ l-Artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi li “l-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista’ ggib”;

Korrettement intiz dan l-artikolu jfisser li “il-Qorti hi fl-obbligu li tezigi l-ahjar prova li hija fil-poter tal-parti li tipproduci, u li tirrigetta kwalunkwe prova jekk tirrikonoxxi li l-parti tista’ tipproduci wahda ahjar” (**Kollez. Vol. XXIX P I p 944**). Kif issokta jigi amplifikat “ma hemm xejn illi jimpedixxi lill-Qorti li titlob li ssir il-prova li hi jidhrilha mehtiega biex ahjar tapprezza l-fatti in kawza. Dan ma jfisserx li kien hemm xi obbligu fuq il-Qorti li tikkonduci l-provi tal-partijiet hi. L-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12 ifisser biss li l-Qorti ma kellhiex taccetta provi li ma kienux l-ahjar prova u li kellha dritt tesigi li tingieb dejjem l-ahjar prova” - “**Kristinu Grech -vs- Anthony Bartolo**”, Appell, 29 ta’ Mejju 1998;

Fil-kaz in ezami jidher bil-wisq ovvju illi l-ewwel Qorti sabet li l-ahjar prova li l-attur kien fil-poter li jipproduci kienu d-dokumenti attestanti s-self li sar u d-dokument redatt mill-attur provanti l-hlas ta’ l-interessi appattwiti. Prova din li, anke minghajr dawk id-dokumenti, setghet tigi dezunta f’ mohh il-gudikant illi s-self verament sar u l-imghax tassew thallas, kif mistqarr mill-attur. Ma jidher minn imkien mill-atti processwali illi l-appellanti kkonfutaw bis-serjeta dawk l-istess dokumenti permezz ta’ xi kontro-ezami approfondit. Effettivament kull ma jirrizulta hi semplici referenza ghall-Affidavit ta’ l-attur u xejn aktar minn hekk (fol. 26). Mill-bqija l-appellant Joseph Cini illimita ruhu ghall-invokazzjoni ta’ amnesija totali. Kien logiku ghalhekk illi l-ewwel Qorti tistrieh fuq il-prova tad-dokumenti esebiti mill-attur in kwantu, fic-cirkostanzi generali tal-kaz, dawn kienu bastanti biex inisslu fiha dik ic-certezza morali li, fil-kamp civili, kull tribunal ghandu jfittex u jaspira ghaliha. Ara **Kollez. Vol. XXXVI P I p 319**);

Raggunta din il-konsiderazzjoni, l-ewwel Qorti kienet guridikament korretta fejn affermat illi l-hlas akkont kien jinterrompi l-preskrizzjoni eccepita. Dan ghaliex fit-termini ta’ l-Artikolu 2134 tal-Kodici Civili l-hlas akkont jew parzjali tad-debitu, konsistenti fil-kapital u l-imghax fuq dak il-kapital, jippresupponi l-ezistenza tad-debitu u dan il-fatt hu nkompatibbli mal-volonta` tad-debitur li jiddiskonoxxi l-pretiza tal-kreditur tieghu. Kif intqal minn din il-Qorti f’ sentenza recensjuri taghha “jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta’ l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta’ l-inekwivocita`, dejjem b’ mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att” - “**Austin Psaila -vs- Lother Slabick**”, 9 ta’ Frar 2005;

F’ dan il-kaz ir-rikonoxximent da parti tal-konvenuti ta’ l-ezistenza tad-debitu jinsab hekk esterjorizzat bil-fatt tal-kontinwata hlas annwali ta’ l-imghax u dan jikkostitwixxi dak l-att interruttiv tal-preskrizzjoni li trid il-ligi. L-effett ta’ tali interruzzjoni hu dak li l-perijodu preskrittiv oppost jigi paralizzat. Dan ghaliex, bil-hlas effettwat, il-konvenut appellant qieghed lilu nnifsu f’ sitwazzjoni li tirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni minnu eccepita.

Ghal dawn il-motivi, u dawk ta’ l-ewwel Qorti, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza a karigu tal-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------